# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa numru 1**

**1 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Horace Micallef - Kunsillier
Saviour Borġ – Kunsillier
Jonathan Cefai – Kunsillier
Josephine Camilleri – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-Kunsillier is-Sur Saviour Borġ ippresjeda l-Laqgħa minħabba li hu l-Kunsillier l-aktar anzjan skont Artiklu 2 tal-Att kif emendat riċentament, li jiddefinixxi li huwa 'dak il-Kunsillier li ilu jservi kontinwament fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit li fl-aħħar Elezzjoni Lokali eleġġa l-maġġoranza tal-Kunsilliera'.

## 1.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

1.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Minħabba li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija, il-Laqgħa tkompliet skont l-Aġenda.

## 1.2 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku u Viċi-Sindku

1.2.1 Is-Sur Saviour Borġ, li hu l-Kunsillier elett bl-aktar ammont ta' voti mill-partit li fl-aħħar elezzzjoni tal-Kunsill Lokali Il-Fontana eleġġa l-maġġoranza ta' Kunsilliera, umilment iddikkjara li qiegħed jaċċetta l-kariga ta' Sindku u għalhekk qara l-Ittra ta' Acċċettazzjoni u ffirmaha filwaqt li għaddiha lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv għax kienet indirizzata lilu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv aċċetta l-ittra f'isem il-Kunsill Lokali Il-Fontana.

1.2.2 Wara s-Sur Saviour Borġ saqsa lil Ms Josephine Camilleri , li hi t-tieni Kunsillier elett bl-aktar ammont ta' voti mill-partit li fl-aħħar elezzzjoni tal-Kunsill Lokali Il-Fontana eleġġa l-maġġoranza ta' Kunsilliera, jekk hux ser taċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku jew mod ieħor.

1.2.3 Ms Josephine Camilleri umilment iddikkjarat li qegħda taċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u għalhekk qrat l-Ittra ta' Acċċettazzjoni u ffirmatha filwaqt li għaddietha lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv għax kienet indirizzata lilu. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv aċċetta l-ittra ukoll f'isem il-Kunsill Lokali Il-Fontana.

1.2.4 Wara, is-Sur Saviour Borġ filwaqt li ta merħba lill-Kunsilliera l-ġodda li ġew eletti biex iservu fi ħdan il-Kunsill Lokali Il-Fontana matul din it-Tmien(8) Leġislatura li qegħda tibda llum li huma Ms Josephine Camilleri u s-Sur Jonathan Cefai, irringrazzja ukoll lill-Kunsillier Ms Josephine Camilleri li aċċettat li jsservi ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali Il-Fontana, kif ukoll lill-Kunsilliera is-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia li għal darb'oħra kkontestaw b'suċċess l-aħħar elezzjoni tal-Kunsill u ġew eletti.

1.2.5 Fl-aħħar u żgur mhux l-inqas, is-Sur Saviour Borġ, irringrazzja mill-qalb lill-Fontanin kollha li għal darb'oħra eleġġewh mhux biss bħala Kunsillier imma ukoll Sindku tal-Lokalità, filwaqt li stqarr kemm dan jitlob sagrifiċċju u impenn akbar minnu u mill-Kunsilliera kollha sabiex din il-fiduċja eventwalment tissarraf f'ġid u prosperità fil-Lokalità kollha tal-Fontana.

1.2.6 Wara, is-Sur Saviour Borġ, irringrazzja lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur George Refalo, li aċċetta li jservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv u li mess ukoll lilu l-privileġġ li jmexxi din l-ewwel Laqgħa storika tat-Tmien(8) Leġislatura tal-Kunsill Lokali Il-Fontana, filwaqt li awgura li s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid is-Sur Ryan Debrincat ma jdumx ma jinħatar sabiex preferibilement jibda l-ħidma tiegħu mal-bidu ta' din il-Leġislatura.

## 1.3 Tmiem tal-Laqgħa

1.3.1 Wara skambju ta' awguri fost il-Kunsilliera eletti kollha, il-Laqgħa ntemmet fil-5.00p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 23 ta' Lulju, 2019.

| | |
|---|---|
| *Iffirmata* | *Iffirmata* |
| **Saviour Borg** | **George Refalo** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |